*fost kull wieħed jew waħda li huma għajjenin mit-tweghir tal-ħajja tal-lum, li xebgħu mill-qerq, mill-għira u mill-qilla li qegħdin jaħkmu fuq l-imġiba tal-kotra, u għalhekk dawn in-nies ħassew li għandhom jinqdew b'din it-tqanqila meraviljuża biex jagħtu lill-ħajja xejra ġdida u lid-dinja sura ħanina.*

*Mela dan hu l-ħin li jistedinna biex infarfru l-bruda minn fuqna, u dan hu l-waqt li fih għandna mmiddu idejna lejn xulxin b'sinjal ta' ħbiberija; imma għandna nagħmlu hekk mhux biss ma' dawk li huma magħna u jaħsbu bħalna, iżda wkoll ma' dawk li huma mifrudin minna u l-ħaġa ma jifhmuhiex bħalna.*

*Din ix-xejra ta' paċi u fiduċja tgħodd għal kull ġens ta' poplu u għal kull klassi ta' nies, tgħodd għalina tal-Akkademja u għall-għaqdiet u xirkiet oħra. S'issa b'xorti ħażina, ħafna ma fehmuniex u għandna mnejn aħna anqas għarafna x'kien sewwa l-ħsieb tagħhom; huma għandhom it-tajjeb tagħhom bħalma aħna għandna t-tajjeb tagħna u din it-tjubija tat-tnejn imissha sservi ta' kalamita biex tġibidna lejn xulxin. Mela nħallu t-tgemgim, nieqfu mit-tmaqdir, nagħrfu lilna nfusna, nemmnu fil-ġid u s-sewwa li għalihom qegħdin inħabirku aħna u l-oħrajn bħalna, u hekk nixxierku flimkien u nimxu 'l quddiem bil-qawwa u bil-għaqal, lejn l-ideal komuni; ir-riżq u l-barka ta' Malta u l-ilsien tagħha.*

---

## "BEL ESPRIT"

*Ta'* ĠUŻEP GALEA

Mhux għalxejn mid-dinja kollha
L-isem tiegħek hu miqjum
Hena għall-qlub, faraġ għar-ruħ
Kif kont dejjem, int illum.

Bl-oħla ġmiel imżejjen wiċċek
Ta' lwien sbieħ jilma bid-dija;
Qisu ġilju kollu bjuda,
Qisu warda ħamranija.

Nar ta' seħer jien nisthajlek
Li tal-qerq il-kesħa jbiegħed
U l-imħabba inissel f'għajrek.

Rawk in-nies minn kullimkien,
Hemm fil-għoli fejn int qiegħed
Tmexxi u tħares mit-telfien.



## IL-MEWT TA' LAURENT ROPA

Fil-10 tax-xahar ta' April li għadda waslitilna l-aħbar kerha u ta' swied il-qalb li l-ħabib tagħna **LAURENT ROPA**, li miegħu kellna rabta għażiża bħala bniedem li għamel ġieħ lil Art Twelidu u l-Ilsien Malti bil-kitba tiegħu, miet fid-29 ta' Marzu fid-dar tiegħu Placè (Sarthe), Franza, fil-għomor ta' 76 sena wara marda kiefra li kien ilu jbati biha minn xi tliet snin b'mod li, ma' tul iż-żmien kollu, għenet mewtitlu l-ħeġġa ta' moħħu u waqqfitu mill-ħidma letterarja tiegħu.

Ropa fi tfulitu studja fl-*Ecole Normale* ta' Kostantina (fl-Alġerija) sakemm beda jgħallem fl-Iskejjel tal-Gvern Franċiż. Serva ta' Fizzjal fir-riġment taż-Żwavi żmien il-Gwerra l-Kbira tal-1914-1918, u kien ferut. Wara l-Gwerra, għex fi Franza fejn laħaq Direttur ta' l-iskola Pubblika tad-Distrett ta' Sillè-le-Guillaume (Sarthe).

Lil Ropa, li kien ilu marbut mal-*Għaqda* minn xi 33 sena 'l hawn b'rabta ta' ħbiberija kulturali tal-Lsien Malti, aħna konna sirna nafuh l-ewwel darba bħala kittieb ta' l-ewwel rumanz tiegħu "Le Chant de la Noria" b'argument ta' ħajja bidwija ta' emigranti Maltin fl-Alġerija, imbagħad bħala kittieb ta' versi bil-Franċiż li bihom fisser il-ġmiel tal-poeżija Maltija ta' xi poeti Maltin. Isem Ropa bħala poeta mill-aħjar kien deher għall-ewwel fl-1932 fil-ktieb li kien ħareġ l-Editur Albert Messein bl-isem ta' *Antologie Des Poëtes Neo-Classiques* fejn, fost poeżiji ta' kittieba oħra, hemm sitta ta' Ropa, b'waħda li kien kiteb meta kien għad kellu xi erbatax-il sena.

Bħala kittieb ta' proża dissertatorja kien għamel isem ukoll fl-istudji kritiċi tiegħu, l-iktar dwar il-lingwistika, fil-*Parenthese*, kif ukoll f'*La Grande Revue* (1935) bl-artiklu tiegħu "Malte et sa Litterature", fejn, wara xi tagħrif fuq fuq ta' l-Istorja ta' Malta u l-Maltin, wera l-iżvilupp letterarju tal-Malti bix-xogħlijiet ta' kittieba ta' proża u versi, u fejn, fl-istess rivista, dehret ukoll, ma' dak l-artikolu, mill-pinna tiegħu, traduzzjoni bil-Franċiż tal-poeżija "Non Omnis Moriar" ta' Dun Karm.